FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR L-14 TA' SETTEMBRU 2000

PULIZIJA
SPETTUR ALEXANDER PAUL MIRUZZI
VS
JOSEPH SCICLUNA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Scicluna ta' 27 sena bin Joseph u Carmen xebba Pace imwieled H'Attard fl-10 ta' Novembru 1971 u resdienti Harmony, Triq Dun Mikiel Xerri, Attard u detentur tal-karta tal-identita numru 478171M talli fil-15 ta' Marzu 2000 gal habta tal-hdax ta' filghodu f'Santa Venera attakka jew ghmael resistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xort li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra Gwardjan Lokali 59 George Zammit, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-Awtorita kompetenti u dan bi ksur tal-Artikolu 96(a) tal-kap 9 Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni tal-Gwardja Lokali 59 George Zammit persuna inkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel servizz pubbliku, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-kap 9 Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi aggredixxa jew irresista bi vjolenza lil Gwardjan Lokali 59 George Zammit fl-esekuzzjoni tad-dmirijiet tieghu that l-Att Numru XIII tal-1996 - Private Guards and Local Wardens Act 1996, dan bi ksur tal-Artikolu 19(1) (2) tal-Att Numru XIII tal-1996 - Private Guards and Local Wardens Act 1996.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni tal-Imputat.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:-

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza.

Rat Art 96(A), 95, tal-kap 9, 19(1)(2) tal-Att Nru XIII tal-1996 u Art 9 tal-kap 152 u tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien 6 xhur u dana wara li hadet in konsidrazzjoni il-fedina penali netta tal-imputat.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
A/DEP REG.